**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta 9 ta' April, 2019**

**Rikors nru: 109/19 AGV**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Gunju, 1989 (Dok.YG1 anness) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal D, li twieled fl-14 ta' Mejju, 1991, E li twieldet fit-18 ta'April, 1992 u F li twieled fl-20 ta' Mejju, 1996 u li llum huma maggorenni.

2. Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta’ sentenza moghtija u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Civili numru 1088/2003/1 nhar il-3 ta’ Frar, 2012 (Dok. YG 2 anness).

3. Illi l-partijiet ilhom ighixu hajja separata ghal oltre erba’ snin u huma ntitolati biex japplikaw ghad-divorzju.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li ilhom snin twal mifrudin u li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi skond l-istess sentenza, l-konjugi m’ghandhom jircievu l-ebda manteniment reciproku;

6. Illi r-rikorrenti tixtieq li tirriverti ghall-kunjomha xebba u cioe’ Grixti;

7. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

   Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet b’dan illi AB tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe’ “GH.”

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b’dan il-hall taz-zwieg.

Bl-ispejjez.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Intimat li eccepixxa illi:-

1.Illi huwa minnu li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Gunju, 1989 u li t-tlett itfal taghhom huma lkoll maggorenni.

2. Illi huwa minnu ukoll li l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' sentenza indikata fir-rikors ta' divorzju u li ilhom jghixu separatament ghal diversi snin u m'hemm l-ebda prospett ghar-rikonciljazzjoni u cioe' hafna aktar minn erba' snin.

3. Illi m'hemm ebda kwistjoni ta' manteniment kemm bejn il-partijiet u lanqas ghar-rigward it-tfal tal-partijiet.

4. Illi in vista tas-suespost, l-esponent ma jsib ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, hlief li l-esponenti m'ghandu jbati l-ebda spejjes in konnessjoni ma' din il-procedura.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi

ppruvat illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' sentenza moghtija u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Civili bin-numru 1088/2003/1 nhar it-3 ta' Frar, 2012 u ghalhekk ghaddew aktar minn erba' snin.

Jikkonfermaw li m'ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni peress li llum ghandhom hajja separata minn xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li qatt ma kien hemm obbligazzjonijiet ta' manteniment lejn xulxin u lanqas ghandhom pendenzi ghall-manteniment lejn it-tfal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li r-rikorrenti tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' "GH."

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**